**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2020;**

**<u>Rik Gur : 278/2019 AGV</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 24 ta' Gunju 2020, fejn espona bir-rispett;

1. Il-kontendenti huma mizzewwgin u minn daz-zwieg twieldu zewgt tfal, DB u EB;
2. Bejn il-kontendenti, bis-sahha tad-disposizzjoni tal-artikolu 1316(2) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, tapplika l-komunjoni tal-akkwisti.
3. L-esponenti qed iressaq dar-rikors sabiex juzufruixxi ruhu mid-disposta tal-artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta biex b' hekk dina l-Onorabbli Qorti, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-mizzewwgin;

4. Tali ordni, moghti hawn kif mitlub qabel is-sentenza tal-firda, ma huwa ser jikreja pregudizzju mhux propozjonat lill-ebda kontendenti;
5. L-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet illum spicca ghal kollox, hija x-xewqa tal-istanti li dan l-istat ta' fatt jigi sancit legalment permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;
6. L-esponent qed jaghmilha cara li r-rikors odjern ma huwiex intiz sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna li beni formanti parti mil-komunjoni jinqasmmu qabel is-sentenza, finali taghha fil-proccedimenti principali izda ghall-waqfien taghha.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti, joghgobha ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16, tal-ligijiet ta' Malta;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-konjugi Pulis.
2. Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistent bejn il-konjugi Pulis spiccat mil-jum li l-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti in materia tkun finali u konklussiva.
3. Tordna li l-beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqassmu mas-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti, fir-rikors guramentat 278/2019 AGV fl-ismijiet premessi.
4. Tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ta' CB** datata 9 ta' Lulju 2020 fejn esponiet bir-rispett;

**L-EWWEL U T-TIENI TALBA.**

Illi l-esponenti ma ghandix oggezzjona li dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, b' dan pero' li r-rikorrenti ghandu jigi ordnat li;

i. Bl-ebda mod ma ghandu jiddisponi mil-assi formanti parti mil-komunjoni tal-akkwsiti, liema assi jinsabu ilkoll fil-pusess tar-rikorrenti;
ii. L-propjeta' parafernali tal-esponenti, li tinsab fil-pussess tar-rikorrenti, tibqa' impregudikat u r-rikorrenti ghandu jigi ordnat li bl-ebda mod ma ghandu jiddisponsi mil-istess.

**IT-TIELET TALBA;**

Illi l-esponenti taghmel referenza ghall-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi (rikors guramentat nru: 261/2019), liema kawza tinsab pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti u qed timxi flimkien mal-kawza fl-ismijiet premessi.

Illi in vista tal-fatt li l-kawza pprezentata mil-esponent giet pprezentata qabel il-kawza odjerna, il-beni baqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jinqassmu mas-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rikors guramentat numru : 261/2019 AGV, fl-ismijiet : ***CB vs AB*** u mhux fis-sentenza finali tal-kawza odjerna.

**IR-RABA' TALBA ;**

Illi l-esponenti ma ghandhix oggezzjoni ghar-raba' talba.

Tant l-esponenti ghandha l-unur tissomoetti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet

**IKKUNSIDRAT**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan

ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat."* Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Gialadarba l-intimata mhux qed topponi ghat-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ifisser li hi tal-fehma li l-istess xoljiment mhux ser jikkagunalha ebda *pregudizzju spropozjonat.* anzi tinstab aktar kuntenta jekk dan is-sehh ghax jinghataw il-liberta' rispettiva li jkomplu hajjithom minghajr ma jagixxu bi pregudizzju ghall-komunjoni. Lanqas ma ngabu xi provi fuq il-konsistenza tal-komunjoni u x'sproporzjonar seta' jezisti, biex ghalhekk tghin lil dina l-Qorti tevaluwa u tiddetermina jekk seta' kienx hemm lok ghal "***pregudizzju mhux proporzjonat."***

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess intimata, fil-kawza ta' separazzjoni qablet li ghandha tigi x-xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

L-unici rizervi li ghandha l-konvenuta f'din il-kawza huma li l-proprjeta' li tifforma l-komunjoni ma tigix trasferita lil terzi fil-mori tal-proceduri, u li l-eventwali xoljiment tal-komunjoni tinghata fil-kawza fl-ismijiet inversi, fejn il-konvenuta hija attrici. Fl-ewwel lok, il-waqfien tal-komunjoni jipprovdi biss ghal stat ta' fatt li minn certu data 'l quddiem, il-partijiet jkunu jistghu jakkwistaw proprjeta' f'isimhom minghajr ma din tifforma parti mill-komunjoni, u minghajr il-htiega tal-firma jew kunsens tal-parti l-ohra. Madankollu, il-proprjeta' li sa dik id-data tkun iffurmat parti mill-komunjoni tibqa' hekk tifforma parti minnha, u ma tistax tigi trasferita lil terzi sa ma tinghata s-sentenza finali u l-komunjoni tigi xjolta. Ghalhekk anke bis-semplici waqfien tal-komunjoni, ma jistax jsir trasferiment tal-propjeta' li hi gia' fil-komunjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tfakkar lill-partijiet li z-zewg kawzi huma miexjin kontestwalment flimkien, u provvediment f'wahda essenzjalment jorbot fl-ohra, peress illi si tratta tal-istess persuni fizici. Ghalhekk, m'hemmx il-htiega li sentenza tinghata f'kawza u mhux f'ohra, jew li provvediment jinghata f'wahda u mhux ohra, ghax l-istess sentenza jew provvediment ser jorbot lill-partijiet bl-istess mod fiz-zewg kawzi. Ghalhekk ir-rizervi sollevati mill-konvenuta fir-risposta taghha m'ghandhomx ikunu ta' xkiel.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa’ t-tieni talba, b’dana illi z-zewg kawzi huma miexjin kontestwalment, u ghalhekk l-istess ordni tkun applikabbli fit-tnejn;
3. Tilqa’ t-tielet talba, b’dana illi z-zewg kawzi huma miexjin kontestwalment, u ghalhekk l-istess ordni tkun applikabbli fit-tnejn;
1. Tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrent, b’dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f’dina s-sentenza.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Cettina Gauci- Dep Reg**

**Onor. Anthony G Vella**